23 ta' Settembru 2019
96/2019

# IMĦABBA VERA U RISPETT SINĊIER LEJN IL-ĦOLQIEN

## STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

Għalkemm l-ambjent hu fuq fomm kulħadd; madanakollu l-intenzjonijiet ta' kull min jitkellem dwaru la huma dejjem ġenwini u lanqas dejjem ipoġġu bħala prijorità l-kwalità tal-ħajja u l-ġid komuni. Għall-grazzja t'Alla l-għarfien li ambjent san għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa fiżika, psikoloġika u soċjali taċ-ċittadini nxtered sew. B'xorti ħażina, ma' din iż-żerriegħa tajba li Alla żera' fostna, nibtet ukoll is-sikrana. Żdiedu wkoll dawk li tgħallmu jużaw diskors li, filwaqt li mal-ewwel daqqa t'għajn jidher favur l-ambjent, fil-fatt l-iskop tiegħu hu li jaħbi l-verità sħiħa, u b'hekk iħawwad u jaqsam l-opinjoni taċ-ċittadini. Dan il-fenomenu jissejjaħ greenwashing u fl-okkażjoni tax-Xahar tal-Ħolqien, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) ħasset il-bżonn li titfa' l-lenti tagħha fuq xi eżempji ta' greenwashing li rat iseħħu f'pajjiżna matul is-sittax-il sena li ilha mwaqqfa.

### "Minn studju xjentifiku li sar …"

L-għan ta' kull studju xjentifiku **serju** hu dak li jipprova jagħti stampa kemm jista' jkun veritiera tas-sitwazzjoni li jkun qed jinvestiga. Għalhekk studju xjentifiku **serju** jippublika mhux biss ir-riżultati imma d-dettalji KOLLHA tiegħu b'mod speċjali l-metodu li bih sar. Dan isir sabiex ikun jista' jsir skrutinju aktar sħiħ tas-sitwazzjoni u b'hekk jittieħdu deċiżjonijiet aħjar għax ikunu aktar infurmati. Imma ħafna drabi, filwaqt li l-aħbar li *saru l-istudji neċessarji* tixxandar mal-erbat irjieħ, il-pubblikazzjoni tal-istudji tibqa' ma ssirx u l-informazzjoni tingħata b'dożi żgħar – skont l-oġġezzjonijiet li jinqalgħu! Fost eżempji l-aktar riċenti ta' rapporti li baqgħu mistura hemm:

(a) ir-Rapport dwar l-Industrija tal-Kostruzzjoni u s-Suq tal-Proprjetà f'Malta tal-2017 (u l-aġġornament tiegħu) li permezz tiegħu l-poplu kellu jserraħ moħħu li pajjiżna jiflaħ għall-bini sfrenat li sar u għadu jsir u li dan kollu hu affordabbli. Tajjeb li wieħed jistaqsi lill-parti l-kbira tal-popolazzjoni (li mhux qed tagħmel profitti

mill-industrija) kemm iħossuhom kuntenti bil-bini li sar u lill-kopji żgħażagħ kemm il-bini hu affordabbli.

(b) l-istudji KOLLHA li saru dwar kemm il-mina bejn Malta u Għawdex hi l-aqwa għażlagħall-aċċessibbiltà tal-Għawdxin. Il-Parlament kien approva dan il-proġett massiv b'mod unanimu. Dan ifisser li d-deputi kollha li vvutaw għall-proġett RAW ir-riżulati KOLLHA tal-istudji? Jekk raw ir-riżultati KOLLHA huma, għaliex il-pubbliku (li huma qed jirrappreżentaw) għadu ma rahomx? U jekk ma rawx ir-riżultati KOLLHA, fuqiex ibbażaw id-deċiżjoni tagħhom li japprovawha? F'dan il-każ, iżda jidher li xi rapporti diġà kienu ppubblikati għalkemm intqal ukoll li d-deċiżjoni ttieħdet minkejja li għadhom sa sarux l-istudji kollha! Allura wieħed jistaqsi: x'inhu l-iskop li jkunu ppubblikati jekk il-poplu ma jistax jiddeċiedi fuq il-fatti li ħarġu mill-istudji kollha li saru WARA l-elezzjoni ġenerali (u l-manifest li wiegħed il-mina)?

(c) issemma' wkoll li l-istudji kollha dwar il-proġett tas-Central Link sa jkunu ppubblikati. Imma wieħed jistaqsi: għaliex dan ma sarx mill-ewwel? Il-pubblikazzjoni mill-bidu ta' dawn l-istudji kienet tippermetti skrutinju pubbliku li kien jgħin sabiex jitwieġbu l-mistoqsijiet li kien hemm fuq il-proġett, jixxejnu x-xnigħat li nħolqu minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni, u forsi jkunu identifikati aspetti tal-proġett li jistgħu jsiru aħjar. Fl-assenza ta' dawn l-istudji, wieħed ma jistax jifhem kif "stħarriġ xjentifiku" li jirreferi għalih ġurnal lokali seta' jsostni li "l-maġġoranza assoluta tal-Maltin huma favur li jsir il-proġett tas-Central Link". Fuqiex ibbażaw il-konklużjonijiet tagħhom dawk li ħadu sehem fl-istudju? Fuq dak li semgħu fuq il-media? Fuq l-istqarrijiet li saru?

Jeħtieġ li tinqata' darba għal dejjem il-prattika (addottata minn diversi amministrazzjonijiet) li studji importanti dwar kwistjonijiet ambjentali jinżammu moħbija mill-pubbliku. Il-pubblikazzjoni ta' dawn l-istudji m'għandhiex tkun meqjusa bħala xi privileġġ imma bħala dritt taċ-ċittadin kemm meta dawn l-istudji jsiru minn fondi pubbliċi u kemm meta jsiru minn fondi privati, għax fl-aħħar mill-aħħar hu ċ-ċittadin li jkollu jbati l-konsegwenzi ta' deċiżjonijiet ħżiena.

**"Dan qed isir għall-ġid tal-poplu."**

Hi ħaġa għaqlija li min jieħu d-deċiżjonijiet jikkonsulta mal-esperti. Ħadd ma joħlom li jista' jserraħ rasu fuq is-suċċess ta' proġett, jekk ma jagħtix widen għall-pariri ta' min għandu aktar esperjenza, taħriġ u kwalifiki fil-qasam. Iżda wieħed jistenna li

l-konsulenti li jintalbu l-pariri tagħhom jiddefendu l-interessi tal-poplu, u mhux dawk personali jew ta' xi partit jew xi assoċjazzjoni partikolari. Il-konsulenti għandhom ukoll id-dmir li jibbażaw il-pariri tagħhom fuq fatti riċerkati (u ppublikati) u jevitaw li jagħmlu stqarrijiet ibbażati biss fuq perċezzjonijiet tagħhom. Madanakollu, leħen il-poplu qatt m'għandu jitwarrab kompletament mid-deċiżjonijiet li jittieħdu – speċjalment meta dak li jkun qed jgħid il-konsulent imur kontra dak li qed jgħid kulħadd.

Fil-perjodu li jwassal għal xi elezzjoni (bħal dik li kellna ftit tax-xhur ilu), ikun hawn ġenn sħiħ ma' pajjiżna, bil-kanditati, waħedhom jew mal-mexxejja tal-partit, iħufu minn dar għal oħra u jagħmlu żjarat fi stabbilimenti u mkejjen oħra, biex "jiltaqgħu mal-poplu"! Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku din l-istess attenzjoni għal dak li jridu n-nies tingħata dejjem! Qabel xi elezzjoni bħal donnu jieqaf kollox biex jinstab ħin ħalli naraw xi jridu n-nies, imma għall-kumplament tas-sena nistrieħu aktar fuq x'jgħidu l-konsulenti u r-rapporti misterjużi. Il-KA tħoss li qed nitilfu t-tifsira tal-kelma "konsultazzjoni". Mhux biżżejjed li ngħidu li rridu nisimgħu l-opinjoni taċ-ċittadin. Jeħtieġ ukoll nixtarruha! Konsultazzjoni pubblika serja tiddependi minn konsulenza onesta u trasparenza fl-istudji li jsiru, għax dawn jippermettu lill-poplu sabiex b'mod matur jiżen il-fatti u jasal għall-konklużjonijiet li jsostnu l-ġid komuni.

**"Il-proġett ġie approvat wara li l-pjanti oriġinali ġew riveduti."**

Sfortunatament issib persuni li jużaw id-dehen li għandhom sabiex joffru pariri dwar kif wieħed jista' jilgħab mal-liġi u jivvinta preċedenti biex jiġġustifika sfreġji ambjentali għad-detriment tal-pajjiż u taċ-ċittadin. Tattika li saret komuni hi dik li wieħed jiġġustifika proġetti li jikkawżaw sfreġju ambjentali billi jipproponi soluzzjoni li tidher li qed tnaqqas l-impatt tal-isfreġju. Imma dawn it-tip ta' "soluzzjonijiet" iservu sabiex jitfgħu l-attenzjoni fuq id-dettalji u mhux fuq il-mistoqsija prinċipali – jiġifieri jekk il-proġett kienx hemm bżonnu jew le. Fost dawn it-tattiċi hemm:

(a) li wara li jkunu qamu l-irwiefen kontra xi proġett partikolari, jerġgħu jkunu sottomessi pjanti ġodda li juru li jkunu qed jitnaqqsu xi sulari jew li żdied l-aċċess għall-pubbliku jew li ser isir landscaping b'siġar indiġeni, bit-tama li kulħadd jagħlaq għajnejh għall-fatt li fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda pajjiżna jkun qed ikompli jiftaqar mill-ispazji miftuħa.

(b) li jsir rifjut ta' xi proposta għall-żvilupp żgħir ftit qabel u ftit wara li tkun aċċettata proposta kontroversjali għal xi proġett mostruż.

(c) li xi proġett mostruż ikun sottomess f'fażijiet żgħar – b'kull fażi tistenna ż-żmien l-aktar vantaġġuż sabiex titlob u tikseb l-approvazzjoni.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

(d) li niġġustifikaw t-tqaċċit tas-siġar għax sa jinżergħu kwantità akbar, u li ħafna minnhom sa jkunu rilokati mingħajr ma wieħed jiżen l-alternattivi kollha, kif ukoll iż-żmien meta jinqalgħu u l-kura li jinħtieġu sabiex ir-rilokazzjoni tkun suċċess.

(e) li l-pjan li jinħolqu Green Corridors bejn lokalità u oħra ma jkunx manipulat biex jaħbi l-intenzjoni ta' xi wħud li qed jaraw f'din l-idea opportunità sabiex isir aktar żvilupp fl-ODZs.

**"Dan qed isir minħabba ħtiġijiet pastorali."**

Xi individwi u entitajiet fi ħdan il-Knisja ġieli nġarru wkoll mill-kurrent u bi proġetti żgħar jew kbar għażlu li jwettqu ħsara ambjentali jew ibigħu jew jikru art għal żvilupp irresponsabbli. F'ħafna każi wieħed jista' jargumenta li dan kollu isir għalskopijiet soċjali u pastorali. Hu x'inhu, dan l-aġir xorta waħda juri kemm għadu ma nftehimx il-messaġġ tal-Papa Franġisku fl-Enċiklika tiegħu **Laudato Si**', li jipproponi konverżjoni ekoloġika u dan permezz ta' pastorali li tpoġġi l-ġid tad-dar komuni u kull min jgħix fiha fuq kull interess finanzjarju. Il-Papa jammetti li mhux faċli tgħix din is-sejħa fid-dinja tal-lum, imma jfakkar fil-missjoni (u r-responsabbiltà) tal-Knisja li tkun eżempju għas-soċjetà tagħna speċjalment f'dan il-qasam. Dawk fi ħdan il-Knisja jridu japprezzaw (aktar minn ħaddieħor) il-ħolqien li tana l-Missier billi – għall-ġid veru tal-komunità – jirrifjutaw li jwettqu jew ikunu parteċipi fi żvilupp li mhux sostenibbli … anke meta l-liġi toffrilhom l-possibbiltà li jagħmlu dan.

**"Hemm bżonn urġenti li tittieħed azzjoni … imma mhux issa"**

Il-problemi ambjentali ta' pajjiżna ilhom magħna u s-soluzzjonijiet kulħadd jafhom; madankollu matul is-snin ftit kienu dawk id-deċiżjonijiet li ttieħdu sabiex is-sitwazzjoni titjieb konsiderevolment. Ir-raġuni prinċipali għal dan it-tkarkir tas-saqajn ġejja mill-fatt li l-awtoritajiet, jew jibżgħu, jew ma jridux jurtaw lill-elettorat – jew aħjar lil xi settur partikolari. Ngħidu aħna, għaliex meta kulħadd hu konxju mill-ħsara li qed jagħmel il-plastik, għandna nistennew is-snin sabiex issir il-projbizzjoni tal-boroż u l-ippakkeġġar bil-plastik? Kemm se ndumu nipproteġu l-interessi ta' xi produtturi u importaturi, u nħallu lil pajjiżna jegħreq fil-plastik biex huma ma jitilfux profitti? Meta sa napplikaw l-prinċipju li min iħammeġ irid inaddaf (il-polluter pays principle) u b'hekk issir ġustizzja ekonomika ma' dawk il-produtturi u l-importaturi li wrew responsabbiltà ambjentali u diġà investew f'alternattivi sostenibbli?

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

**“Hemm bżonn niżguraw li l-iżvilupp ikun sostenibbli.”**

L-esperjenza wrietna li mhux kull min jitkellem fuq l-iżvilupp sostenibbli jaf eżatt fuqiex qed jitkellem. Ngħidu aħna, hawn min mhux lest jaċċetta li hemm limiti għal ċertu tip ta’ żvilupp u li f’Malta diġà qbiżna ħafna minn dawn il-limiti. Tabilħaqq, nafu sew x’inhuma dawn il-limiti? Xi studji saru biex nidentifikaw sew il-carrying capacity ta’ pajjiżna? Jekk dawn l-istudji saru, għala ma ġewx ippubblikati? Id-deċiżjonijiet u l-aġir ta’ persuna, aġenzija jew organizzazzjoni huma l-aqwa indikaturi tal-intenzjoni retta li dawn għandhom lejn l-iżvilupp sostenibbli – u mhux il-kwalifiċi u l-professjoni li jistgħu jkollhom jew jirrappreżentaw. Żvilupp sostenibbli jiżgura bilanċ ekwu bejn interessi ambjentali, interessi soċjali u interessi ekonomiċi. Jekk pajjiżna verament jemmen f’dan it-tip ta’ żvilupp allura kull proġett għandu jitfassal bl-intenzjoni li jintlaħaq dan il-bilanċ.

**“Għandna nkunu pro-business.”**

M’hemm l-ebda dubju li pajjiżna qed jesperjenza tkabbir ekonomiku mingħajr preċedent. Hu minħabba f’hekk li wieħed għandu joqgħod attent li l-prodott gross domestiku tagħna jiżdied b’inizjattivi li qed ikabbru fuq kollox il-benesseri tagħna. Fl-1972 grupp ta’ xjenzati, edukaturi, ekonomisti, umanisti, industrijalisti u uffiċjali tal-gvern, magħruf aħjar bħala l-Club of Rome ppubblikaw diversi studji li wrew il-ħtieġa li jkun hemm limiti għall-iżvilupp (limits to growth) inkella d-dinja ssofri minn defiċit soċjali u ambjentali. Dawn li taw dan il-parir ma kinux xi grupp ta’ nies “iffissati”; ilkoll kienu pro-business … iżda lkoll kienu wkoll “pro-bniedem”.

**“Issa favur l-ambjent għax jaqblilna.”**

Filwaqt li l-KA tinnota b’sodisfazzjoni li n-numru ta’ persuni li qed isemmgħu leħinhom favur l-ambjent qiegħed dejjem jiżdied, tħoss ukoll il-bżonn li tappella għar-rieda tajba u intenzjoni retta ta’ kull min qed jagħmel hekk. Il-KA tappella lill-attivisti sabiex jopponu kull attentat li jġiegħel lil leħinhom jittappan bil-partiġġaniżmu politiku. L-għan ewlieni għandu dejjem jibqa’ t-tisħiħ tal-ġid komuni billi tkun ggarantita l-kwalità tal-ħajja – u mhux biex xi partit jew ieħor jieħu xi gwadann politiku. L-istorja u l-esperjenza sfortunatament urew (lil min irid jara) li l-ambjent qatt ma kien l-ogħla prijorità għall-ebda partit politiku li kien fil-gvern.

Il-KA tixtieq tagħlaq din l-istqarrija billi, fl-okkażjoni tax-Xahar tal-Ħolqien, tappella lill-Maltin kollha sabiex jimpenjaw ruħhom biex jirrispettaw bis-serjetà lil din l-Art ħelwa,

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

l-Omm li tatna isimha. Jekk ilkoll nagħmlu eżami tajjeb tal-kuxjenza jkollna nammettu li spiss poġġejna l-interessi personali ħafna qabel il-ġid tal-kumplament ta' wliedha, a skapitu tar-rispett li jixirqilha. Jalla lkoll naħdmu biex f'kull wieħed u waħda minna sseħħ tassew il-Konversjoni Ekoloġika li għaliha jsejħilna l-Papa Franġisku fil-**Laudato Si'**.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**